## Kwadru ta' Santa Katarina fil-Gudja

Fil-gżejjer tagħna, barra numru ta' knejjes iddedikati lil Santa Katarina, wisq aktar għandna xbihat tagħha fi knejjes differenti.

Dan il-kwadru li jinsab fil-kor tal-knisja parrokkjali tal-Gudja qrib ħafna l-kwadru titulari ta' Santa Marija u fih qed naraw iż-Żwieġ Mistiku tal-qaddisa.

Mhux magħruf l-awtur tiegħu iżda jidher li hu xogħol lokali tas-seklu tmintax.

Ma għandux kwalitajiet artistiċi speċjali bħalma wieħed jista' jara mix-xbiha tal-bambin.

Il-Madonna wkoll fiha xogħol medjokru iżda fil-qaddisa wieħed jista jara xogħol li hu xi ftit aħjar.

Dan wieħed jista jarah mill-id tal-qaddisa tħaddan il-palma tal-martirju u mistrieħa fuq ir-rota, kif ukoll mill-wiċċ tal-qaddisa li fih waqtiet tajbin. Din il-pittura hija mdawra bi gwarniċa wiesa tal-ġebel, mdawra bi skultura ta' disinji tassew sbieħ.

Din il-gwarniċa qegħda tpatti għax-xogħol fqir ta' dan il-kwadru.

**Tas-Sliema** **Tony Terribile**



*Ritratt tal-kwadru meqjum fil-Knisja parrokkjali tal-Gudja*


# PLAIRE

***Soft Drinks Supplier***

*Lemon*
*Cola*
*Orange*
*Strawberry*
*Pine Apple*
*Banana*
*Kinotto*



***Price Lm1.85c***

Bottled by:

**J.Pace**

*Alfredo Cachia Zammit Str, Żejtun*

***Tel: 809574***